# SAL-MEWT!

*Ta'* J. L. Pace

FREDU u Marija kienu trabbew flimkien. Il-familji tagħhom kienu joqogħdu bieb ma' bieb u qatt ma kellhom xi jgħidu bejniethom, u, għaldaqstant, it-tfal kienu ħerġin u deħlin minn bieb għal ieħor. Tassew li l-kondizzjoni taż-żewġ familji ma kinetx l-istess, għaliex missier Fredu kien raġel tas-sengħa jaħdem ma' kumpannija li ssewwi l-vapuri, fil-waqt li missier Marija kien avukat u wieħed li kien għamel isem ukoll fil-professjoni tiegħu. Barra minn dan, missieru kien avukat ukoll u missier martu tabib, fil-waqt li n-nannu ta' Fredu kien gabillott.

Wieħed għandu jifhem, għalhekk, li l-istat taż-żewġ familji kien fil-bogħod wieħed mill-ieħor. Dan kollu ma kien ifixkel xejn liż-żewġt itfal fil-ħbiberija tagħhom, u, f'kull ħin kont tara lil dawn it-tnejn flimkien jilagħbu u jiddieħku, u, għax waħda kienet ġejja minn familja ta' nies tal-professjoni u l-ieħor minn familja ta' ħaddiem, qatt ma għadditilhom minn rashom li din il-ħaġa setgħet tbiddlilhom dik il-ħajja ħienja li fiha kienu jinsabu.

Fredu kellu tlettax-il sena u Marija ħdax, u issa t-tnejn kienu jinsabu fil-vaganzi. Fredu kien iħobb jistudja ħafna u missieru kellu f'moħħu li xi darba ibnu jidħol fl-Università, u minn hemm jieħu xi professjoni, xewqa li lil Fredu ftit u xejn kienet togħġbu għaliex ħsiebu, għalkemm kien għadu żgħir, ma kienx lejn il-kotba tax-xjenzi jew tal-letteratura, imma lejn il-kotba tal-mużika, fil-waqt li missieru ma kienx jaqbel mal-ħajra ta' ibnu.

Għadda żmien bi żmien, u dawn it-tfal kibru. Marija kienet waslet biex titlaq l-iskola, u Fredu, li kien iben waħdieni, fl-aħħar irnexxielu jġiegħel lil missieru jaqtagħlu xewqtu, u beda jistudja l-pjanu.

Għalkemm Fredu kien mitluf wara l-mużika, b'danakollu, huwa dejjem baqa' miġbud lejn Marija u qatt ma kien iħalli li jsib xi ħin u jara kif jagħmel biex ikellem lil Marija, u hija min-naħa tagħha, kienet tara kif tagħmel biex tiltaqa' ma' Fredu għaliex issa l-ħbiberija tagħhom tbiddlet f'imħabba safja.

Jekk għal Marija kien wasal iż-żmien li toħroġ mill-iskola, għal Fredu ma kienx hekk, għaliex għalih kien il-bidu ta' tliet snin studju f'istitut tal-mużika, wara li kien ġie magħżul biex jitħarreġ f'dan l-istitut u minn hemm jitgħallem dak kollu li kellu bżonn u b'hekk jibda l-karriera tiegħu professjonali tal-pajnu.

Missier Marija issa nduna li ż-żewġ żgħażagħ kienu jinħabbu u fehmtu xejn ma kienet li jżewweġ lil bintu lil wieħed tal-qatgħa ta' Fredu. Huwa kellu dejjem f'moħħu li jżewwiġha lil

xi avukat bħalu jew lil xi tabib, u, jekk ma jirnexxilux li jżewwiġha lil bniedem tal-professjoni, ilaqqagħha ma' xi neguzjant tat-tajjeb.

Għalhekk darba waħda filgħaxija meta sab ruħu waħdu ma' Marija fakkarha li kienet qiegħda tikber u, għaldaqstant, kien wasal iż-żmien għaliha li tibda taħseb biex tieħu l-istat tagħha. Malli semgħet hekk, wiċċha sar aħmar daqs il-pepprina, baxxiet rasha, għafset idejha t-tnejn u ma tniffsetx.

Hekk kif missierha ra li bintu ma tantx laqgħet kliemu bi pjaċir, staqsieha jekk kienx hemm xi ħadd li kellha għajnejha fuqu, u hija, kollha mistħija, weġbitu li qalbha kien ilha li tatha lil ħaddieħor u għaliha dak kellu jkun żewġha.

''Binti'', qallha missierha, ''m'intix forsi qiegħda tgħidli hekk għax inti tħobb lil Fredu?''

''Iva, pa,'' wieġbet Marija, ''Fredu huwa l-bniedem li jien inħobb u lilu biss irrid''.

''Imma dan ma jkun qatt. It-tifla tiegħi m'iniex sejjer inħalliha tiżżewweġ ma' ħabba daqqaq tal-pjanu. Marija, binti, għal dan naħseb jien. Ir-raġel li inti tiżżewweġ insibhulek jien, u dana għandu jagħmlek hienja u għanja. Dak li inti tħoss għal Fredu mhux ħaġ'oħra ħlief imħabba ta' tfal''.

U malli qal hekk, ħareġ bil-ħerra mill-kamra u ħalla lil bintu weħidha, qalbha maqsuma tolfoq kemm tiflaħ.

Minn dak in-nhar Marija ma kellhiex mistrieħ minn missierha għaliex malli kien isib il-waqt li jkellimha ras imb'ras erħilu jsemmilha daqqa lil dak il-ġuvni u daqqa lil dak l-ieħor u jfaħħarhomlha għaliex, jew għax dak kien tabib jew għax l-ieħor avukat, imqabbad f'xi negozju kbir, jew jippossiedi xi renta tajba.

Iż-żmien kien għaddej ġmielu, u għalkemm Marija baqgħet għal bosta żmien twebbes rasha, u soda fil-fehma tagħha, fl-aħħar ċediet u ħalliet lil missierha jgħarrasha ma' wieħed avukat ta' familja tajba, u, wara xi sena żżewġitu.

Ma' tul dan iż-żmien Fredu kien qiegħed f'istitut barra minn Malta jitgħallem u jitħarreġ fl-arti mużikali b'mod li 'l quddiem il-mużika tkun tista' tiswielu biex jaqla' ħobżu, jagħmel karriera u jwettaq il-ħsieb li dejjem kellu f'rasu li jiżżewweġ lill-maħbuba tiegħu Marija.

Malli sema' bl-għerusija tagħha qabdu bħal ġenn u għal tlitt ijiem sħaħ la kiel u lanqas raqad, u beda jiġġerra minn hawn u minn hemm bla mistrieħ ta' xejn. Beda jaħseb jekk jiktbilhiex jew le, jew inkella jekk jitlaqx lejn Malta u jmur u jsaqsiha għa-

liex kienet warrbitu u tgħarrset lil ħaddieħor, hija li dejjem urietu li tħobbu b'dik l-istess imħabba li kien iħobbha hu, imma, wara li għaddietlu din id-dagħdigħa li fiha kien jinsab, u reġa' ġie f'sensih, ħaseb li ma jagħmel xejn minn dan kollu u jżomm ġewwa fih in-niket li kien iħoss u li huwa kien jaf li sa jibqa' fih sakemm itemm ħajtu.

Imma lejn pajjiżu Fredu qatt ma reġa' mar lura. Bil-mod Fredu beda miexi 'l quddiem, u, wara bosta żmien huwa ġie magħruf bħala wieħed mill-aħjar pjanisti tal-pajjiż.

U Marija x'sar minnha matul dan iż-żmien?—Kienet iżżewġet u kabbret familja ta' żewġt ibniet u żewġ subien. Imma għalkemm ma kien jonqosha xejn, qatt ma kont taraha tidħak, u iekk kont kultant tara fuq xufftejha xi tbissima, kont tinduna malajr li dik it-tbissima ma kinetx ħierġa minn qalbha.

Darba waħda Fredu kellu jieħu sehem f'kunċert kbir. Fil-għaxija ta' dak il-jum, nofs siegħa qabel il-ħin li kellu jibda l-kunċert huwa diġà kien fil-post fejn kellu jsir dan il-kunċert. Daħal fis-sala fejn kienu jiltaqgħu dawk li kellhom jieħdu sehem fil-kunċert u, biex iqatta' ftit taż-żmien, qabad f'idu ġurnal li kien fuq il-mejda, ħares lejh u ra li kien ta' xi ġimgħa qabel u beda jaqra minn hawn u minn hemm. Għajnejh waqgħu fuq xi aħbarijiet ta' barra, fosthom ta' Malta. Hemmhekk qara li s-Sinjura Marija Mifsud, mara ta' avukat imsemmi, bint l-avukat Alessio Mariani kienet mietet xi ġranet qabel. Fredu nħasad u donnu ma riedx jemmen lil għajnejh stess. Qara u reġa' qara; iżda ma kien hemm ebda dubju li dik Marija Mifsud ma kenitx ħlief dik Marija li hu kien ħabb u li għadu jħobb. Fl-istess ħin sejħulu biex joħroġ idoqq.

Qam minn fejn kien bħal wieħed mitluf, ħareġ quddiem dik il-miġimgħa ta' nies li kienet tistennieh biex tisimgħu. Poġġa quddiem il-pujanu. Minn idejh bdiet ħierġa mużika ħlewwa liema bħalha, li saħħret lil kull min kien qiegħed ijsma' ; ta' noti ħerġin kollha minn qalbu għaliex dak il-ħin Fredu kien qiegħed idoqq għal Marija, li kienet ħalliet din id-dinja ta' qerq u mrar, u, matul id-daqq tiegħu, b'Marija quddiem għajnejh, kont tista' tisimgħu jolfoq u jitniehed.

Hekk kif waqaf mid-daqq in-nies tas-sala nfexxew f'ċapċip u għajat ta' ferħ, imma Fredu għal ftit taż-żmien baqa' qisu miblugħ u ma ċċaqlaqx. Imbagħad qam b'rasu baxxa bid-dmugħ iċarċar fuq ħaddejh ; minn xofftejh ħarġu dawn il-kliem: "Marija, Marija tiegħi!" u baqa' dieħel ġewwa bħal bniedem mitluf minn sensih.